KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Erbgħa u Sittin (64)***

***It-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa (il-Laqgħa bdiet fis-6pm).

**64.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

64.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġija.

**64.2 Nuqqas ta' attendenza fil-Laqgħat tal-Kunsill mill-Kunsillier A.Gatt**

64.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq din il-materja fuq l-aġenda minħabba n-nuqqas ta' attendenza fil-Laqgħat mill-Kunsillier A.Gatt skond kif stipulat fil-liġi. F'dan l-istadju l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jressaq rakkomandazzjoni minħabba li m'għandux informazzjoni dwar ir-raġunijiet ta' nuqqas ta' attendenza. Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li d-deċiżjoni tittieħed fil-Laqgħa li jmiss wara li l-Kunsill jitkellem mal-Kunsillier Andreas Gatt.

**64.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

64.3.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 63 li nżammet nhar it-Tnejn, 12 ta' Ġunju, 2023.

64.3.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 63 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

64.3.3 **Mozzjoni 64-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 63.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 63 ġew approvati unanimament.

**64.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 64(08) – Lulju 2023***

64.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 64(08) permezz cheque numru 7219 (ref. 10858) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10850 sa 10880 li jammontaw €24,293.92

64.4.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

64.4.3 **Mozzjoni 64-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 64(08) bl-ammont ta' €24,293.92

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli
L-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 64(08) ġiet approvata unanimament.

**64.5 Korrispondenza**

64.5.1 Tressqet ir-risposta għall-Management Letter tal-Awdituri dwar il-Financial Statements 2022. Il-Kunsill approva.

64.5.2 Tressqet korrispondenza rigward Skema Finanzjarja- Komunitajiet aktar siguri u Organizzati. Il-Kunsill kien qabel li japplika għal din l-iskema permezz ta’ proġett għall-żoni sorveljati b’CCTV cameras. Il-Kunsill qabel li japplika għaż-żoni hawn taħt indikati.
-CCTV Cameras fi Trejqet Santu Kristu
-CCTV Cameras f’Dawret Ħal Għaxaq k/m Triq it-Tumbarellu – fuq l-istage
-CCTV Cameras f’Dawret Ħal Għaxaq fuq is-Centre strip faċċata tal-Monument tal-annimali
-CCTV Cameras – Triq il-Gardell
-CCTV Cameras fl-Uffiċini tal-Kunsill

64.5.3 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex issir charging pillar fi Triq il-Qattus. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li se jkun hemm Laqgħa dwar dan u għaliha se tattendi il-Kunsilliera Rose Agius.

64.5.4 Tressqet korrispondenza dwar is-sitwazzjoni fi Triq San Filippu. Ir-Resident bagħat email rigward is-sitwazzjoni lill-Ministru Aaron Farrugia u l-Ministru Owen Bonnici. Huwa qal li se jkun qiegħed jistenna azzjoni sat-12 ta’ Lulju 2023. Il-Kunsill dakinhar se jkun qiegħed jiltaqa’ ma Transport Malta sabiex tinstab soluzzjoni dwar l-immaniġjar tat-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Laqgħa mas-CEO ta’ TM ta’ nhar it-Tnejn 3 ta’ Lulju fl-10am kienet għar-Reġjun kollu u mhux dwar din is-sitwazzjoni.

64.5.5 Tressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun fejn qegħdin jitolbu l-Kunsill dwar il-ħsibijiet tal-attivitajiet li se jsiru din is-sena fosthom Halloween. Is-Sindku Darren Abela qal li se jiltaqa’ mar-Reġjun u jressaq il-proposta dwar din l-attivita’.

64.5.6 Tressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun rigward skema għall-fondi ta’ infurzar waqt attivitajiet fejn jistgħu japplikaw kemm il-Kunsilli kif ukoll l-NGOs. Kellna talba mingħand l-Għaqda Mużikali San Ġużepp. Il-Kunsill approva li tintbagħat.

64.5.7 Tressqet korrispondenza dwar PQ Nru 10627 dwar permessi għall-caravans/campers/motorhomes. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondi li qatt ma kellu talbiet sabiex jitpoġġew camper/caravans fil-lokalita’ tagħna.

64.5.8 Tressqet korrispondenza dwar PQ 10735 rigward il-parking spaces tal-Kumpanija GOTO. Il-Kunsill qabel li għandu jneħħi dawn it-tabelli u ssir kaxxa bajda kif kienet qabel.

64.5.9 Tressqet l-iskeda tar-rati tal-Perit Alistair Avallone għall-proġett propost għall-Project Green. Il-Kunsill approva dawn ir-rati u se tkun qed issir it-talba mad-Dipartiment sabiex dan is-servizz jingħata b’*direct order*.

64.5.10 Is-Sindku Darren Abela kellu jressaq l—abbozz tal-Monument tat-Tabib M.Rizzo Naudi iżda qal li dan se jinbidel. Huwa kompla billi qal li dan il-Monument se jkun qed jitpoġġa viċin il-Monument ta' Żaru l-Għannej f'Dawret Ħal Għaxaq.

64.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba sabiex issir rampa fi Triq iċ-Ċeppun. Il-Kunsill qabel li għandha ssir waħda fil-kantuniera ma Triq il-Gudja.

**64.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

64.6.1 Is-Sindku Darren Abela ippropona li titressaq talba lill-IM sabiex Triq Patri Grigor Grima issir bit-tarmak.

64.6.2 Is-Sindku Darren Abela qal li l-proposta tat-triq li l-Kunsill iddiskuta fil-Laqgħa preċedenti sabiex tissema Triq Rizzo Naudi, diġà saret talba oħra għaliha sabiex tissemma Triq Filippo Castagna li ġiet approvata. Għaldaqstant għandna nipproponu triq oħra u tiġi diskussa fil-laqgħat li jmiss.

64.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq Manwel Dimech hemm bżonn *patching* estensiv biex tissolva l-problema tal-ilma. Għaldaqstant huwa qal li se tinġieb kwotazzjoni.

64.6.4 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn titnaddaf il-fetħa ta' Triq il-Qattus. Is-Sindku ressaq stima ta' €250. Il-Kunsill approva it-tali stima.

64.6.5 Is-Sindku Darren Abela qal li l-kuntrattur li għamel id-dawl tal-funtana tal-Bypass semma xi *maintenance agreement*. Il-Kunsill qal li fl-ebda ħin m'approva maintenance agreement u ma jħossx li hemm bżonn. Il-Kunsill esiġa li l-kuntrattur jinfurmana sew kif jitħaddem id-dawl u dan jista' jsir mill-ħaddiema tagħna.

64.6.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq qal li għandha tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex jinbidel it-*turf* tal-ground tal-5-a-side f'Dawret Ħal Għaxaq. Il-Kunsill approva.

64.6.7 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mingħand il-Klabb tal-Bocci, sabiex fis-17 ta' Lulju, waqt attivita', jsir parkeġġ fuq Santu Rokku. Il-Kunsill ma laqax din it-talba u dejjem jesiġi li m'għandux ikun hemm parkeġġ fuq Santu Rokku.

64.6.8 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex fis-service road issir road hump kif kien hemm qabel sar it-tarmak. Il-Kunsill qabel li ssir waħda minn Triq Santa Tereza l-isfel.

64.6.9 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba oħra sabiex Triq il-Qattus u Triq Giovanni Scicluna titpoġġa *road hump*. Il-Kunsill m'approvax din it-talba.

64.6.10 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jitpoġġa ftit konkos (daqs żewġ jardi) fi Trejqet San Ġorg. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

64.6.11 Is-Sindku Darren Abela ppropona sabiex issir talba mal-Housing Authority sabiex isir *maintenance* fl-*area* tal-Housing Estate fi Triq San Filippu. Il-Kunsill approva.

64.6.12 Is-Sindku Darren Abela ressaq proposta sabiex terġa ssir talba lill-IM sabiex tinfetaħ Triq il-Bwar min-naħa ta' Triq Tumbarellu.

64.6.13 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Kunsill jagħmel teambuilding activity għall-Kunsilliera u l-istaff fil-ġranet tas-Sajf. Il-Kunsill approva.

**64.7 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

64.7.1 Il-Kunsilliera Rose Agius RA staqsiet jekk Triq il-Wilga hiex one way jew le. Il-Kunsill qabel li jitkellimha ma IM fir-rigward ta' *Traffic Management* fiż-żona.

64.7.2 Il-Viċi Sindku Christine Dalli ressqet proposta rigward it-tħawwil ta' siġar f'diversi żoni madwar il-lokal. Din l-informazzjoni se tiġi mgħoddija l-Kunsilliera kollha sabiex jitressqu l-kummenti għall-approvazzjoni.

64.7.3 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa jekk s'issa tressqitx talba sabiex il-Boutique Hotel ikollha reserved parking. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s'issa l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda talba.

**64.8 Mozzjonijiet**

64.8.1 Annessi mal-Minuti

**64.9 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

64.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 7 t' Awwissu 2023 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-9:00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 64**

**Mozzjoni Ref:** 64-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 63

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 10 ta’ Lulju 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 64**

**Mozzjoni Ref:** 64-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 64-08

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 10 ta' Lulju 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**